# IL-ĠILJU U L-WARDA (*)

B'siġar ħodor fjuri u xitel,
Mimli fwieħa minn tal-ward,
Ġewwa ġnien Ġilju mill-isbaħ,
Kien jinsab iżejjen l-art
Ftit fil-bogħod ġo l-istess ġnien
Warda sbejħa lemaħ kien.

Hekk kif raha l-Ġilju f'qalbu
Ħass imħabba wisq qawwija;
Beda jgħid bejnu u bejn ruħu:
Oh xi ġmiel kemm tgħodd għalija!
Qal fehemtu 'l wieħed ġaru
Li bħal martu jridha f'daru.

Iżda l-ġar li kien tal-għaqal,
U tassew tiegħu ħabib:
—Ħija—qallu—il-parir tiegħi
Ħdejn il-warda la tmurx qrib;
Għaliex dik bix-xewk minn tagħha
Ma tkunx tista' tgħammar magħha.

—X'inti toħlom—qal il-Ġilju,
—Jien ħlief ġmielha ma narax,—
Tant kien mogħmi mill-imħabba,
Li x-xewk jilmaħ ma satax.
Kos bħall-Ġilju min jaf kemm
Nies ġo'r-rħula u ġo'l-bliet hemm!

Ma riedx jisma', u sar il-Ġilju
Aktar jiebes milli kien;
Wara ftit kif kien imbellah,
Lemaħ riesaq lill-ġennien:
Lilu għajjat minnufih
Qalbu ħassha bħal tistriħ.

---

(*) Inġibu din il-poeżija tal-mejjet poeta P. P. Mifsud Bonnici biex ma nħalluhiex mirduma qalb il-ħerba letterarja ta' ħamsin sena ilu.

—Ja ġennien—il-Ġilju qallu,
=Jien pjacir minnek irrid;
U aqtagħhieli din ix-xewqa
Għaliex żgur naqa' marid;
Kieku ridt li ġġibli miegħi
Dik il-Warda b'mara tiegħi!

—Kollox sewwa—l-ġennien wieġbu,
—Iżda qabel, qabel xejn,
Sabiex nagħmel id-dmir tiegħi
Kieku ngħidlek xi kelmtejn;
Il-parir li se'r nagħtik,
Li daż-żwieġ ma jgħoddx għalik:

Għax int fjur sabiħ u tari,
L-iżjed wieħed delikat,
U inti taf li l-Warda tnigges,
Ma taqblux... tgħix iddisprat:
Tħarisx biss lejn il-ġmiel tagħha,
Ara wkoll ix-xewk li magħha.

—Ma rridx naf—qabeż il-Ġilju,
—U la b'xewk u la b'tingis;
Ma tarawx donkom is-sewwa....
Lilha rrid u rridha fis,—
Il-ġennien dlonk medd idejh,
Qala' l-Warda u ġiebha ħdejh.

Hawn il Ġilju nħallik taħseb,
X'hena u ferħ sab ruħu fih,
X'kumplimenti... xi kliem ħelu....
Lill-Għarusa laqa' bih!
Ruħu ħass fiċ-ċentru tiegħu
Għax il-Warda għandu miegħu.

Għaddew ġranet tnejn jew tlieta
U fil-hena baqgħu t-tnejn;
Ma... oh tad-dinja ż-żmien x'jitbiddel,
Kif imur kollox fix-xejn!
S'issa hena, l-ebda wġigħ;—
Fl-aħħar nefaħ qawwi r-riħ.

Il-buffuri bdew iħabbtu
Warda u Ġilju ma' xulxin;
Beda ix-xewk jinfed il-Ġilju,
Għamlu bċejjeċ il-miskin!
Spieda l-hena spiċċa l-għors,
Ħawna tbiddel id-diskors.

—Kemm int goffa—l-Għarus għajjat,
—Warda vili x'int selvaġġa;
Ma tarax li bix-xewk tiegħek
Lili kiefra qiegħda twaġġa'!
Nisħet iva dik l-imħabba,
Minnek jien ġa nħossui mxabba'...

Il-ġennien li sama' kollox,
Dar lejh qallu:— " Ja ħabib,
" Sikket fommok, ħu paċenzja,
" Għal dal-gwaj ma hemm tabib;
" Dana kellek tarah qabel...
" Ħadd ma jħollu issa dal-ħabel.

" Ftaħtlek jien għajnejk bi kliemi,
" Iżda widen ma tajtnix;
" Inti biss għajnejk irmejthom
" Fuq il-ġmiel, fuq it-tlellix:
" Iżda dawna le ma ġewk
" Idewwuk mill-kiefer xewk."

P. P. M. B.